MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 864/2006

**Vodafone Malta Ltd**

**Vs**

**Sylvana Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u seba` liri u tnax il-centezmu (Lm207.12) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizzi rezi fuq mobile phone bin-numru 99282543.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ta` l-istess talba.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Nadia Vella li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx ghal dawn il-proceduri fis-seduta ta` llum ghalkemm imsejha diversi drabi.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Sylvana Caruana thallasha s-somma ta` mitejn u seba` liri u tnax il-centezmu (Lm207.12) bl-interessi dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz odjern u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------